# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru erbgħa u erbgħin (44) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-2 ta' Marzu 2010 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti ttieħdu bħala moqrija, saru l-korrezzjonijiet li ppropronew il-kunsillieri, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Dwar l-attività ***'Science in the Community'*** li se tiġi organizzata l-Ħadd filgħodu, fit-30 ta' Mejju 2010, is-sindku qal li l-organizzaturi jixtiequ li mill-komunità tagħna jkun hemm min iġib xi esebiti relatati ma' dan l-avveniment. Hawn kien hawn suġġeriment illi ninvolvu lill-*EO* tax-Xjenza, is-Sur Anthony Farrugia li nzerta wkoll eks-kunsillier, flimkien mat-taqsima tal-logħob tan-nar tal-każini tal-banda. L-organizzaturi se jipprovdu wkoll xi esebiti u t-tined biex il-maltemp jew ix-xemx qawwija ma tħarbatx kollox. Hawn intqal illi s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet diġà tellgħet wirja piroteknika hija stess. Filwaqt li kien hemm qbil illi l-piroteknika hija xjenza u għalhekk taqa' taħt waħda mill-branki tax-xjenza, dik tal-kimika, hemm ukoll il-mekkaniżmu tal-logħob tan-nar tal-art. Nicholas Briffa qal li kollox irid ikun '*fake*' ħalli ma jinħoloqx periklu. Minn naħa tagħna se norganizzaw il-promozzjoni għal din l-attività billi nistampaw fuljetti li jistgħu jitqassmu lit-tfal fl-iskola u wkoll jitqassmu viċin il-bibien tal-knisja wara l-Quddies tal-Ħadd minn tfal li nistgħu nippremjawhom billi nagħtuhom *voucher* li jista' jissarraf għand xi azjenda li tinteressahom l-aktar. Din se tkun organizzata fil-Pjazza tal-Knisja. Intant is-sit li fih se tinżamm il-wirja l-oħra, dik tal-galleriji Maltin, se jkun l-Isptar il-Qadim.

4. Dwar l-**Isqaq tal-Postijiet tan-Nar** il-Kunsill Lokali Mqabba kiteb formalment u ressaq it-talba tiegħu biex issir il-manutenzjoni, ħalli neliminaw kull periklu. It-talba kienet indirizzata lill-Kunsill Lokali Siġġiewi.

5. Il-***coffee morning,*** se jsir nhar l-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2010 f'ristorant ġewwa Marsaxlokk. Peress li s'issa għadhom ma ħarġux l-avviżi għadna fil-ħin biex nivverifikaw li fir-raħal m'hawn l-ebda attività oħra speċjalment tal-Knisja jew tal-każini. Il-prezz se jkun ta' €4.50 inkluż it-trasport.

6. Il-**manutenazjoni estensiva** mit-*Transport Malta*, għadu ma bediex, għax is-sindku qal li se jgħaddu *cable* taħt il-wiċċ tat-triq mis-*substation* ta' Triq il-Ħarriġiet, għal Triq il-Barrieri, għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u jieqaf fi Triq Valletta fejn *Agius Marbles*. Hekk kif dan jitlesta, hu mistenni li jibdew ix-xogħlijiet tal-manutenzjoni estensiva.

7. Dwar il-monument li fuqu se jkunu minquxa l-ismijiet ta' dawk kollha li ħadu l-**Ġieħ l-Imqabba,** is-sindku qal li dan kważi lest u jonqos li jinġarr lura f'postu fl-Isptar il-Qadim.

8. Dwar **l-iskema tal-aċċessibilità,** is-sindku qal li se ndaħħlu bħala *late application* proposta biex iċ-ċimiterju jkollu rampa adekwata għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Huwa qal li sorprendentement l-istima tal-Perit Anthony Bezzina telgħet għal €22,000 bil-bankini b'kollox. Madankollu jekk il-proposta tagħna ma tiġix aċċettata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-KLM lanqas hu mistenni li jressaq l-applikazzjoni fi ħdan il-*MEPA*.

9. Dwar il-kuntrattur ***Greenpak*** biex nittantaw innaqqsu mill-*mixed organic waste* ħalli nnaqqsu l-ħlasijiet tat-*tipping* fil-*landfill* billi nżidu is-separar tal-iskart, is-sindku qal li se ssir konferenza stampa fis-16 ta' Marzu 2010, fl-Isptar il-Qadim, fis-1:00pm. Is-sindku stieden lill-kunsillieri sabiex ikunu preżenti għal din il-konferenza stampa li għaliha hu mistenni li jattendi l-Onor Chris Said LL.D., Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

10. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni biex is-segretarju eżekuttiv joħroġ l-***order to start works*** lill-*Asfaltar Ltd* biex ikunu wkoll asfaltati l-isqaq it-twil ta' Triq Santa Katerina u s-*service roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-partijiet bejn Triq Mikelanġ Sapiano u l-ħanut taż-żebgħa u bejn Triq il-Katakombi u Triq in-Nazzarenu.

11. Is-sindku ressaq proposta fi ħdan il-KLM li kienet approvata unanimament mill-kunsillieri dwar il-**ħlasijiet tad-dejn** li se jkollu l-kunsill ma' *Asfaltar Ltd.* Hu qal illi l-affarijiet se jiġru f'din is-sekwenza. Kif jibdew ix-xogħlijiet, se jkun konfermat dan mill-ministeru, u jgħaddulna l-€100,000. Dawn għandhom jiġu depożitati f'kont bankarju *fixed* għal sitt xhur, sitt xhur. Meta jitlesta parti mix-xogħol jgħaddu lill-kuntrattur il-€100,000 kif jitlestew it-toroq indikati kollha u jiġu ċertifikati mill-perit ngħaddu wkoll il-€200,000 l-oħra li se jagħtina l-gvern ċentrali. Il-kumplament jgħaddu by *installments.* Is-sindku qal illi kien hemm qbil informali illi jrid jissaħħaħ bil-kitba biex dawn l-*installments* ikunu ta' €7,000 fix-xahar mingħajr ma nidħlu fi spejjeż ta' imgħax. Irridu naraw li l-bilanċ mis-sena 2009 u l-flus fl-allokazzjoni għal dan il-proġett, jiġu depożitati f'kont apposta li għandu jinfetaħ b'mod immedjat. Is-sindku qal li għan-naħa ta' *Transport Malta,* se jkun assenjat fuq ix-xogħlijiet tal-Imqabba s-Sur Saviour Ellul.

12. Il-librara **Bridget Saliba spiċċat** nhar is-Sibt, 27 ta' Frar 2010. Noel Galea kellem lil Nathalie Azzopardi u avżaha biex tmur tattendi t-taħriġ permezz tal-kors li se jkun qed isir minn naħa tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi. Hu qal li l-KLM qed jitlob lill-istess dipartiment illi matul din il-ġimgħa jmur xi ħadd ma' Nathalie Azzopardi biex juriha x'għandha tagħmel.

13. Is-sindku żamm lill-KLM infurmat illi x-**xogħol fuq il-*pedestal*** li se jiġi nstallat mill-*Melita plc* minflok l-arblu li kellu jinqala' minn Triq Karmenu Ciantar, issa nbeda. Dan ix-xogħol kien diġà ġie diskuss f'laqgħa/t preċedenti ta' dan il-kunsill.

14. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi se napplikaw għal skema oħra imħabbra mill-gvern ċentrali bit-titlu **lokalitajiet sostenibbli** permezz ta' proġett li hu ttamat li jsir fil-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Mqabba. Dan il-proġett jinvolvi wkoll pannelli solari biex jittrasformaw l-enerġija mix-xemx f'dik elettrika li tkun trasferita għal *grid* tal-Korporazzjoni Enemalta. Hu qal li l-kap tal-iskola kienet ikkuntattjatha dwar din il-proposta u qablet magħha.

15. Mhux hekk dwar l-***iskips***. Infatti is-sindku qal li peress li fl-iskola diġà jeżistu *skips* għas-separar tal-iskart ġewwa l-iskola, li huma propjetà tal-*Waste Serv Malta,* jidher li dawk proposti mill-kunsill viċin il-librerija ma tantx intlaqgħu tajjeb. Però għandha ssir laqgħa minn rappreżentant ta' *Greenpak* mal-kap tal-iskola fil-ġranet li ġejjin.

16. F'dan il-waqt ġie diskuss l-aċċident li ġara fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. Fuq wara tal-iskola **waqgħet blata, u magħha partijiet mill-*grounds* tal-iskola** fil-barriera ta' Puzzu. Mill-

informazzjoni li għandu l-kunsill lejlet dan l-inċident kien hemm il-ħaddiema jaħdmu taħt l-iskola fil-barriera.

17. Dwar l-oġġezzjoni li kien iddeċieda li jagħmel il-KLM dwar ***crusher* tal-ġebel li diġà intrema f'barriera oħra fis-Sejba**, is-sindku qal li l-ittra ma bagħtiex minkejja li kienet iddraftjatha mis-segretarju eżekuttiv skond kif miftiehem f'laqgħa tal-kunsill preċedenti. Hu qal li għamel dan għaliex kien aċċertat illi kien diġà daħal rapport ieħor fil-*MEPA* minn xi individwu/i. F'dan il-waqt Charles Farrugia, qal li ġaladarba diġà hemm rapport il-*MEPA* u nafu li dan mexa, jaqbel mad-deċiżjoni li ħa s-sindku, minkejja li ma kienux tal-istess fehma Nicholas Briffa u Grace Marie Mallia. Intant Charles Farrugia qal li din irregolarità, diġà tidher fuq is-sit elettroniku tal-*MEPA* u dan l-iżvilupp se jkollu jieqaf.

18. Dwar il-**linji sofor fi Triq il-Fjuri** li tħassru ftit tal-jiem ilu, il-Familja Bondin ġiet kemm-il darba fl-uffiċċju tagħna issostni li dawn il-linji kienu bil-permess ta' dak iż-żmien l-ADT. Sadanittant ġie konfermat dan minn pjanti li bagħtu l-ADT u se jerġgħu isiru eżattament faċċata tal-*garage* tagħhom u mhux fejn kienu qabel quddiem ħaddieħor. Is-sindku qal li oriġinalment it-talba biex isiru dawn is-sinjali kienu saru meta hu kien sindku, permezz ta' ittra datata 4/1/2005.

19. Fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, is-sindku attenda l-**laqgħa tas-sindki** organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Fost il-punti li kienu diskussi f'din il-laqgħa hemm l-iżvilupp li seħħ permezz tar-riforma għas-segretarji eżekuttivi. Dawn issa saru parti mill-ħaddiema taċ-ċivil u għalhekk impjegati tal-gvern.

20. L-applikazzjoni li kienet diskussa fil-laqgħa preċedenti, dwar it-**titjib propost għall-Ġnien tal-Ġibjun,** kienet proċessata u mgħoddija lill-awtoritajiet fil-ħin. L-iżvilupp propost ma jinħtieġ l-ebda permess tal-*MEPA* għaliex dan jipproponi biss aktar dawl b'fanali li jieħdu enerġija mix-xemx, *litter bins, bicycle racks* u *compost bin* komunitarju.

21. Dwar is-**sigurtà fis-Sejba,** Nicholas Briffa qal illi tajjeb li nibqgħu nagħmlu aktar insistenza fuq l-ADT biex finalment ipoġġu l-barikata mal-ħajt tal-barriera. Dan sabiex nevitaw xi traġedja bħalma seħħet waħda riċentement li setgħet kellha konsegwenzi aktar koroh b'ħabta *head on* bejn żewġ trakkijiet.

22. L-offerta għall-**pannelli fotovoltaiċi** fuq is-saqaf tal-**Isptar il-Qadim**, issa se toħroġ fil-jiem li ġejjin. Din l-offerta, li d-dokument tagħha kien approvat, se tagħlaq fis-16 ta' Marzu 2010, f'nofs in-nhar.

**AĠENDA**

23. Kienu approvati l-**Estimi finanzjarji 2010** bil-propost li jsiru xi amendi. Dan it-tibdil li se jaffettwa kemm id-dħul kif ukoll l-infieq. Kien hekk deċiż wara li propju l-bieraħ tħabbret ir-riforma fis-sistema tal-infurzar tal-liġijiet, illi ma jkun hemm l-ebda previżjon kemm fid-dħul u anke fl-infieq. Dan peress li dan is-servizz hu mistenni li jiġi sostenibbli. Is-sindku qal illi permezz ta' din ir-riforma se jkollna persuna magħna dirett ingaġġat bħala *green warden.* Hu kompla jgħid illi se jkun hemm sistema ta' *pooling* biex ma jkun hemm l-ebda qliegħ u telf mill-kunsilli f'dak li għandhom x'jaqsmu l-gwardjani lokali. Dwar it-tibdil fir-reġjuni hemm suġġeriment li jkun hemm post f'Santa Luċija li jservi bħala bini reġjonali bil-possibilità li t-tribunal il-ġdid tagħna jista' jintuża dak taż-Żurrieq jew ta' Ħal Qormi.

24. Fl-Estimi Finanzjarji ġew innutati l-ammonti fil-ħruġ tas-€600,000 kontra dak imdaħħal li jammonta għall-€300,000 li huma l-investiment li se jħallas għalih matul din is-sena 2010 il-kunsill kontra l-għotja tal-ġvern f'fondi speċjali rispettivament. Il-kumplament tal-ħruġ ta' €300,000 ser jirrifletti fil-ħruġ mill-allokazzjoni tal-kunsill għall-erba' snin li ġejjin. Dan il-proġett hu dak tal-**kisi tat-toroq bit-tarmak.**

25. Kien hemm proposta biex inċaqilqu mill-ġdid il-pjan ambizzjuż fejn il-**barriera tal-Mitħna** tista' tkun ikkonvertita f'park nazzjonali bis-siġar permezz tat-*34U*. Wara li l-applikazzjoni biex nippruvaw nittappjaw fondi mill-UE kienet rifjutata, issa ma fadlilna l-ebda għażla ħlief li nagħmlu aktar insistenza biex dan il-proġett isir wieħed nazzjonali u jaddottawh il-Ministeru tal-Ħarsien tal-Ambjent.

26. Proposta oħra kienet sabiex nippruvaw niltaqgħu mas-Sur Kenneth Gambin ta' ***Heritage Malta.*** L-aġenda ta' din id-diskussjoni se tkun l-aċċessibilità għall-Katakombi tal-Mentna. Charles Farrugia qal illi tajjeb illi f'dan l-appuntament ikun hemm ukoll mistieden is-Sur Joe Said.

27. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu bagħat il-***Financial Statements*** **Apr – Diċ 09** lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Uditjar. Madankollu l-awditjar għal dan l-istess perjodu, f'dan l-uffiċċju se jsir nhar l-10 u l-11 ta' Marzu 2010, kif miftiehem bejn l-udituri l-ġodda *Grand Thornton* u s-segretarju eżekuttiv.

28. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets*** **numri 369 u 370.**

29. Is-sindku ppropona sistema ta' ***one way*** fi **Triq San Bażilju** bejn Triq Valletta u l-istess Knisja ta' San Bażilju. Hu qal li jinħtieġ li din tkun diskussa fil-KLM l-ewwel nett. Id-direzzjoni proposta hija li tingħalaq it-triq mill-Knisja ta' San Bażilju u l-aċċess f'din it-triq ikun minn Triq Valletta lejn il-Pjazza. Charles Farrugia qal li hu tal-fehma illi din it-triq issir *one way* biss fil-ħin tal-*MUSEUM* ġaladarba il-*kaos* bil-vetturi li semma s-sindku qed jinqala' f'dak il-ħin. Madankollu s-sindku qal li hemm l-inkonvenjent għar-residenti bid-daqq ta' ħornijiet fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata. Il-frekwenza tal-*MUSEUM* hija kuljum minbarra ġurnata waħda biss fejn fiha l-katekisti jkollhom il-laqgħa tagħhom fil-Blata l-Bajda. Qabel ma tkun proposta laqgħa mar-residenti biex dawn juru fehmithom, se niġbru aktar informazzjoni dwar kemm se taffettwa nies din id-devjazzjoni.

30. Is-sindku rrefera għall-ittra li rċevejna li hija wkoll stedina lilna sabiex inkunu rappreżentati fis-sit fejn **il-Papa** meta se jiġi Malta, se jiltaqa' maż-żgħażagħ, jiġifieri il-*Valletta Water Front.* Hu stieden lil Paul Spiteri kif ukoll lil Grace Marie Mallia sabiex jirrappreżentawna bil-preżenza tagħhom.

31. Korrispondenza oħra li ssemmiet mis-sindku, hija stedina mill-Kunsill Lokali tal-Għarb, fejn dawn qed jorganizzaw kompetizzjoni għal-lokalitajiet biex issir ***tug-of-war***. Hu ssuġġerixxa sabiex jekk inkunu nafu b'min hu interessat, għandna navviċinawhom ħalli jieħdu sehem.

32. Is-sindku qal li ħierġa **applikazzjoni tal-*PPCD*** li tinteressana. Infatti hu ssuġġerixxa sabiex naraw jekk l-għaqdiet u l-każini tar-raħal humiex interessati jwaħħlu pannelli solari fuq il-bjut tagħhom biex possibilment nippruvaw nittappjaw fondi mill-Unjoni Ewropeja mit-€3.5M li huma disponibbli f'din is-sejħa. Is-sindku qal li fl-istedina li se nagħmlulhom se nitolbuhom fotokopji tal-aħħar kontijiet tad-dawl li tħallsu biex ikollna fuqiex nibnu l-proposta permezz tal-enġinier ħalli nistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet.

33. Is-sindku ta l-aħbar lill-kunsillieri illi ġiet **aċċettata l-proposta** tal-kunsill dik imsejħa l-**Iskema Sportiva.** Infatti hu qal li tawna nofs l-ispiża, jiġifieri €1,300. Nofs l-ispiża dovuta mill-kunsill ġiet approvata waqt din is-seduta biex ikun jista' jibda it-taħriġ fl-Iskola Primarja Mqabba.

34. Issemmiet talba mis-Sur Bondin li għandu l-**barriera** u li d-dħul għaliha hu minn Triq Valletta. Is-sindku qal li din il-persuna ġiet mitluba mill-uffiċjali tal-*OHSA* sabiex ipoġġi

tabelli fi Triq Valletta li jindikaw lill-vetturi li din hija r-rotta tal-vetturi tqal u li hemm aċċess mistur għalihom. Il-proposta kienet approvata unanimament.

35. Is-sindku semma stedina li saret mill-kumpanija *TCTC Ltd.* sabiex il-KLM jingħaqad magħha ħalli jsiru l-**korsijiet fil-*computer*** għas-sajf li ġej. Hawn issemma wkoll is-Sur Keith Aquilina li kien l-għalliem tal-korsijiet tal-*computer* li ħarreġ lil dawk kollha li applikaw matul is-sajf 2009. Il-kunsill se jerġa' jagħmel kuntatti ma' din il-persuna ħalli jerġa' jinqeda bis-servizzi tagħha kemm-il darba jaċċetta li jagħmlilna dawn il-lezzjonijiet.

36. Kien approvat id-***dummy* tal-fuljett** il-ġdid tal-kunsill. L-isem issa nbidel minn Kunsill Lokali Mqabba għal **Minn fuq l-Għatba tal-Kunsill**. Dan il-fuljett se jkun fih karta waħda *A3* mitnija.

37. Is-sindku qal li l-**Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika** talabna illi nhar it-22 ta' Marzu 2010, ma jinġabarx l-iskart (*mixed organic waste*) minn Triq tat-Torba. Dan sabiex jiġbruh huma stess ħalli jieħdu xi dettalji għal skopijiet ta' statistika. Is-segretarju eżekuttiv diġà informa lill-kollettur tal-iskart sabiex jaderixxi ma' dawn id-direttivi.

38. Il-*Government Property Division* reġgħet staqsiet jekk il-KLM għadx għandu f'moħħu illi jieħu d-**devoluzzjoni ta' Ġnien Tfal ir-Raħal** bil-kabbana u l-latrina b'kollox. Minn naħa tagħna, dan nafu li se jkun aktar ta' piż finanzjarju fuq il-kunsill peress li mill-esperjanza li għandna l-istess kabbana ma kienetx finanzjarjament vijabbli biex tibda' tkun miftuħa. Għaldaqstant il-KLM iddeċieda li jħalli kollox kif inhu. Minkejja dan issemma ilment minn Nicholas Briffa għaliex dan il-ġnien ilu diversi xhur bid-dawl maqtugħ. Hu ssuġġerixxa li jitwaħħlu mqar żewġ *flood lights* u jkunu eliminati d-dwal kollha minħabba li fihom ħafna tkissir. Is-segretarju eżekuttiv insista li dawn għandhom ikunu bħalma għandna fl-Isptar il-Qadim, jiġifieri *energy savers* għaliex dawk il-*flood lights* normali li hemm imwaħħla mal-latrina, dejjem jinqatgħu fi żmien qasir, minbarra li jkun iffrankat aktar f'kurrent elettriku.

39. Dwar il-proposta **devjazzjoni fi Triq is-Siġġiewi,** sakemm jitlestew ix-xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid, fejn l-*SAG*, is-segretarju eżekuttiv kiteb lil *Transport Malta*, illi r-rotta alternattiva minn Triq Madorbu fil-Qrendi mhix is-soluzzjoni għaliex taqta' qalb is-sewwieqa li possibilment jistgħu jgħaddu minnha minħabba l-istat ħażin ta' manutenzjoni tagħha. Il-barrieri ta' Modorbu tant għolew bit-terrapien li issa għandna muntanja u l-ilma ta' Triq Modorbu, issa qed joqgħod fi *swimming pools* kbar li biex il-*pedestrians* jgħaddu minnha, tefgħu il-ġebel fl-għadajjar biex jgħaddu minn fuqhom.

40. Talba oħra li kienet imressqa lilna minn **Wesley Mackay** biex jagħmel studju biex jinvestiga l-**valuri demokratiċi** fost il-ħaddiema tal-uffiċċju tagħna, ġiet milqugħa. Dan ix-xogħol/studju volontarju se jeħodlu 20 siegħa u se jingħata l-permess bil-kundizzjoni li dak kollu li jsib ikun għall-iskrutinju tal-kunsill qabel ma jippublikah.

41. Is-sindku ppropona **laqgħa mal-uffiċjali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**, biex tkun diskussa l-proposta illi flok il-kuntrattur jitħallas mill-KSI wara li l-kunsill joħroġ iċ-ċekk lilhom għas-*civil works* tal-mejnijiet, tal-ilma il-kunsill iħallas direttament lill-kuntrattur hu. F'każ li dan jiġi aċċettat inkunu ffrankajna l-*management fees* tal-KSI. Is-sindku qal li f'Misraħ il-Fidwa per eżempju se jinbidlu l-*house connections* biss u għalhekk il-proposta tagħna mhix se tagħmel id-differenza.

42. Dwar il-***contract management fees*** li huma sostanzjali biex il-KLM jasfalta dawn it-toroq kollha, is-sindku qal li diffiċli biex ikunu evitati. Hu qal li jinħtieġ li niftiehmu mal-Perit Bezzina sabiex niffissaw prezz. F'dan il-punt is-segretarju eżekuttiv kien mitlub jaqla' d-dokument tal-offerta tal-istess perit, biex kienu magħrufa dawn it-tariffi li huma 2.5%.

43. Is-sindku tkellem fuq proposta illi parti minn **Triq l-Industrija** quddiem l-*Elbros*, tkun ukoll asfaltata mal-proġett ta' Triq Valletta Żurrieq. Din it-triq mhix fil-konfini tagħna, madankollu qed ikun ikkunsidrat mill-gvern tpartit ta' art privata biex il-*lane* li minnu wieħed ikun sejjer lejn Ħal Kirkop, jiġi *dual* bħall-kumplament ta' Triq l-Industrija. Dwar dan kien hemm qbil.

44. Grace Marie Mallia semmiet id-diffikultà li għandha residenta ta' Sqaq il-Lanġasa, għaliex f'dan is-sit qed tgħid li **joqgħod l-ilma tax-xita**, kif ukoll id-diffikultà li hemm *b'wires* tat-telefon imdendlin 'l isfel. Għal dan il-kliem is-sindku qal li verament m'hemm l-ebda bżonn li terġa' tinqala' t-triq meta din hija bill-*patterned concrete* u l-proposta ta' bankina ġdida fi sqaq dejjaq ma tagħmilx sens. Madankollu jista' jkun, li fuq parir ta' esperti, jsir bħal *mini-culvert* minkejja li hemm il-kantini. Il-*wires* se jkunu irrappurtati lil kumpanija *GO plc*.

45. Grace Marie Mallia qalet li **sid il-ħanut tal-kotba** fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija xtaq illi għas-spejjeż tiegħu ippoġġi **qsari bil-pjanti** maġenb il-*bore hole* tal-ilma viċin il-ħanut. Għal dan il-kliem, is-sindku qal illi l-kunsill biex ikun jista' jiddeċiedi għandu bżonn ritratt fejn ġejjin dawn il-qsari li qed jipproponi.

46. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16 /03 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |